# Qafas ta’ Kompetenzi tal Ankri

eu careers

Il-Qafas tal-Kompetenza l-ġdid tal-EPSO jiddefinixxi t-**8 kompetenzi ġenerali** li l-uffiċjali tal-UE huma mistennija li juru tul il-karriera tagħhom. Kull kompetenza ġenerali hija magħmula minn diversi elementi osservabbli, imsejħa **ankri**. Dan il-fuljett fih it-8 kompetenzi ġenerali kollha u l-ankri rispettivi tagħhom.





# 8 kompetenzi li għandhom jintwerew

1. Il-ħsieb kritiku, l-analiżi u s-soluzzjoni kreattiva tal-problemi
2. It-teħid ta' deċiżjonijiet u l-ksib ta' riżultati
3. Il-litteriżmu diġitali u l-adattabilità (Ġestjoni tal-Informazzjoni)
4. L-awtoġestjoni
5. Il-ħidma mal-oħrajn
6. It-tagħlim bħala ħila
7. Il-kommunikazzjoni
8. L-intraprenditorija

eu careers



1.

# Il-ħsieb kritiku, l-analiżi u s-soluzzjoni kreattiva tal-problemi

Il-persuna taħseb b'mod olistiku u tikkonverti informazzjoni kumplessa f'soluzzjonijiet kreattivi u innovattivi.

**Ankri:**

- Tiddistingwi l-fatti essenzjali minn dawk l-elementi inqas kruċjali u jirnexxilha tintegra l-informazzjoni li tkun ġejja minn sorsi differenti.
- Tidentifika azzjonijiet possibbli 'l quddiem billi tqis firxa ta' perspettivi u pożizzjonijiet.
- Tiġġestixxi tajjeb informazzjoni u kunċetti kumplessi.
- Tistabbilixxi konnessjonijiet bejn elementi li jmorru lil hinn mill-ambitu tar-responsabbiltà tagħha u l-mument preżenti. Tantiċipa l-impatt possibbli fuq is-sitwazzjoni ġenerali.
- Tiġġenera ideat oriġinali u soluzzjonijiet innovattivi għall-problemi billi taħseb minn perspettiva kreattiva.

## 2.

# It-teħid ta' deċiżjonijiet u l-ksib ta' riżultati

Il-persuna tieħu deċiżjonijiet f'ambjent li qed jinbidel, tittraduċihom f'azzjoni u taħdem biex jinkisbu riżultati tanġibbli.

**Ankri:**

- Tieħu deċiżjonijiet, anki fil-konfront ta' ċirkostanzi mhux magħrufa jew informazzjoni mhux kompleta.
- Tasal għal deċiżjoni infurmata billi tikkunsidra l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-alternattivi differenti.
- Tadotta linja ta' azzjoni prattika: b'mod flessibbli tadatta u tagħżel l-aktar azzjoni opportuna fis-sitwazzjoni.
- B'mod proattiv tieħu inizjattiva biex tissuġġeri azzjoni u soluzzjonijiet.
- Tipproponi azzjoni mmirata sabiex jinkisbu riżultati tanġibbli għall-objettivi stabbiliti.



eu careers



## 3.

# Il-litteriżmu diġitali u l-adattabilità (Ġestjoni tal-Informazzjoni)

Il-persuna tapplika l-għarfien u l-ħiliet fl-ambjent diġitali , tottimizza l-metodi tax-xogħol permezz ta' għodod u teknoloġiji diġitali.

**Ankri:**

- Issib diffikultà biex tuża sorsi rilevanti u strateġiji ta' tiftix differenti biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni li jirriżultaw minn kompiti kumplessi.
- Tevalwa l-kredibilità u l-affidabilità tas-sorsi, id-data, l-informazzjoni u l-kontenut fl-ambjenti diġitali.
- Tagħżel u tapplika għodod diġitali xierqa biex taħdem mal-oħrajn, tinteraġixxi u taqsam l-informazzjoni.
- Tirrikonoxxi l-valur tal-kompetenzi diġitali u turi volontà biex b'mod proattiv tinvesti l-ħin sabiex iżżomm ruħha aġġornata mal-evoluzzjoni diġitali.
- Tindika u tispjega l-ħtiġijiet teknoloġiċi b'mod ċar lill-kollegi, lill-fornituri tas-servizzi u lill-partijiet ikkonċernati.

eu careers




## 4.

# L-awtoġestjoni

Il-persuna torganizza l-kompiti proprji, turi responsabbiltà u attitudni kostruttiva f'kull ħin.

**Ankri:**

- Torganizza xogħolha b'mod effikaċi.
- Tassumi responsabbiltà għar-riżultati li tikseb u turi impenn biex tikseb l-għanijiet tagħha.
- Tirreaġixxi b'mod kalm għall-ostakoli u kapaċi tiddistakka ruħha mill-frustrazzjoni u n-negattività.
- Tapplika strateġiji biex jgħinuha tevità l-istress u d-diffikultajiet (pereż. titlob għall-għajnuna jew l-appoġġ meta meħtieġ).
- Tadatta ruħha meta jinbidlu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u twieġeb għall-varjazzjonijiet fiċ-ċirkostanzi b'atteġġament pożittiv.

eu careers



5.

# Il-ħidma mal-oħrajn

Il-persuna turi kooperazzjoni transfunzjonali u trawwem id-diversità u l-inklużjoni. Tikkoopera tajjeb billi tfittex il-kompromess, taqsam l-għarfien u tassisti lill-oħrajn.

**Ankri:**

- Tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn it-timijiet u tidentifika ruħha mal-għanijiet u l-interessi komuni.
- Tiddiskuti d-differenzi tal-opinjoni b'mod miftuħ mal-individwi kkonċernati, tifhem perspettivi oħrajn u tħabrek għall-kompromess f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt.
- Taċċetta d-diversità u trawwem ambjent ta' inklużjoni, tagħmel ħilitha biex tittratta lill-oħrajn kollha ndaqs u b'ekwità.
- Toffri assistenza u għajnuna lill-oħrajn.
- Kontinwament taqsam b'mod proattiv l-għarfien li għandha għall-benefiċċju u t-tagħlim tal-oħrajn.



6.

# It-tagħlim bħala ħila

Il-persuna tiġġestixxi b'mod attiv it-tagħlim, it-tkabbir u t-titjib personali.

**Ankri:**

- Tidentifika l-bżonnijiet proprji ta' tagħlim u tiżviluppa l-kapaċitajiet tagħha permezz tat-tagħlim kontinwu.
- Konxjament tiġġestixxi l-iżvilupp personali tagħha: tagħmel mill-aħjar biex tifhem is-saħħiet u d-dgħufijiet tagħha.
- Twieġeb b'mod pożittiv għall-feedback u għall-kritika kostruttiva.
- Taħtaf kull opportunità biex titgħallem, anki mill-falliment.
- Tidentifika l-opportunitajiet biex tapplika t-tagħlimiet li tieħu u ttejjeb il-prestazzjoni tagħha.

eu careers



# 7.

# Il-kommunikazzjoni

Il-persuna tikkomunika l-informazzjoni u l-opinjonijiet b'mod ċar, tikseb l-appoġġ tal-oħrajn billi tiffaċilita l-interazzjoni u tinteraġixxi b'mod effikaċi magħhom.

## Ankri:

- Tikkomunika l-informazzjoni u l-opinjonijiet b'mod ċar u konċiż (kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba).
- Tfassal il-messaġġ biex twieġeb għall-bżonnijiet tal-persuna jew persuni li tkun qed tikkomunika magħhom.
- Tuża argumenti konvinċenti u raġunament solidu biex twassal il-messaġġ.
- Tikkunsidra l-perspettivi tal-oħrajn.
- Tikkomunika b'mod li jwassalha biex tikseb approvazzjoni u tinħoloq sitwazzjoni vantaġġuża għall-partijiet involuti.

eu careers



# 8.
# L-intraprenditorija

Il-persuna tmexxi l-bidla, tħeġġeġ u tawtonomizza lill-oħrajn biex jimplimentaw il-bidla u tipprovdi gwida fil-livelli kollha.

**Ankri:**

- Turi inizjattiva, telimina l-ostakoli u taħseb 'il quddiem.
- Tassumi sfidi ġodda u tinizja l-bidla, meta meħtieġ tieħu pożizzjoni ta' tmexxija.
- Tispira u tħeġġeġ lill-oħrajn biex jieħdu azzjoni u javvanzaw.
- Tiggwida jew tawtonomizza lill-oħrajn biex jikbru u jtejbu l-prestazzjoni tagħhom.
- Tagħti immaġni tajba u hija ambaxxatur għad-dipartiment.

